# BEATI U QADDISIN...MEJJO

## SAN FELIC MINN CANTALICE

### 18 t' Mejju



Felic twieled gewwa Cantalice fis-sena 1515. Meta kien ghadu tifel mar joqghod gewwa Cittaducale fejn kien jahdem ta' rghajj mal-familja Picchi. Kien bniedem li jghix hajja skond il-qalb ta' Alla.

Bejn is-snin 1543 -1544 huwa dahal jaghmel parti mill-Ordni tal-Patrijiet Kappucini li baghtuh jaghmel in-novizzjat tieghu gewwa Anticoli di Campagna imma sehhlux jaqta' xewqtu billi marda sfurzatu johrog mill-ordni u jmur lura daru biex ifieq.

Meta shabu u dawk li kienu jmexxuh kienu jghidulu biex jidhol ma' l-agostinjani hu kien iwegibhom: "Jew mal - Kappuccini jew nibqa' lajk."

Fieq b'miraklu u fis-sena 1545 ha l-voti u sentejn wara gie trasferit gewwa Ruma u minn hemm ma iccaqlaqx qabel ma miet. Ma kienx jaf skola, ma danakollu sar habib u kunsillier ta' San Fillipu Neri li mieghu spiss kien jiltaqa' fit-triq.

Kien ihobb jistudja lil Gesu' msallab u l-unici kliem li kien jaf, kif jistqarr hu, kienu: hamsa homor u wahda bajda li kienu jfissru l-hames pjagi u l-Madonna, li lejha Felic kellu devozzjoni kbira.

Jum wiehed mar go dar ta' avukat biex jitlob il-hobz u lemah librerija mimlija kotba ; fil-gholi kien hemm imdendel kurcifiss.  Immedjata kienet ir-reazzjoni tieghu: " Mulej  min ma jgharafx dan il-ktieb (il-Kurcaifiss) ma jafx x'jigifieri kotba."

Ix-xoghol tieghu kien li jitlob il-hobz, imbid  u zejt; kien jorqod ftit u fuq it-twavel ta' l-injam.  Iqumu kmieni u wara l-quddies johrog jitlob l-elemozina, hafi minghajr zarbun kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa. Il-mixi hafi kien ikkawzalu xi feriti f'saqajh.  L-ikel tieghu kien dak il-hobz  li jibqa' fuq il-mejda wara li kienu jieklu hutu l-patrijiet.

Meta beda' jikber huwa beda' jilbes is-sandali fuq ubbidjenza mis-superjuri tieghu. It-tislima tieghu kienet dejjem Deo Gratias.  Kien isejjah lilu niffsu l-hmar tal-Mulej u ghalkemm kien analfabeta, fuq talba ta' San Filippu Neri kkorega u rreveda r-regola ta' l-Oblati li kien qed jikteb San Carlo Borromeo, haga li ebda gharef u nies qaddisa ma kienu kapaci jaghmlu.

Miet fit-18 ta' Mejju 1587 wara li kellu dehra mill-Vergni Marija mdawra mill-angli. Hekk kif miet riglejh saru nodfa u b'gilda lixxa qishom tat-tfajjel.

Kien il-Papa Klement XI li elevah ghal unur ta' l-artali fis-sena 1712.